# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 31**

**Avviz numru 822/00/SM**

**Dormax Press Company Limited**

**vs**

**Charles Pisani**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas s-somma ta' mitejn, sitta u sebghin lira Maltija (LM276.00,0) rappresentanti xoghol ordnat minnu u lilu ikkunsenjat liema xoghol inhadem mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu, 2000 u bl-imghaxijiet legali;**

3. **B'hekk il-konvenut hu mharrek minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Marzu tas-sena 2001, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi huwa minnu illi l-konvenut ghamel l-ordni pero' huwa minnu wkoll illi l-istess konvenut kien ikkancella l-ordni;**

2. **Illi l-kancellament kien sar tramite t-telefon u l-istess attur kien accetta illi tigi kkancellata u ghalhekk l-konvenut ma ghandux jigi kkundannat jhallas ghal din l-ordni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat li s-socjeta' attrici naqset tizufruwixxi mill-fakolta' li tressaq ix-xhieda taghha in sostenn ta' l-avviz minnha intavolat;**

**Illi fil-meritu, jirrizulta s-segwenti:**

1. **Illi l-konvenut kien ordna oggetti mis-socjeta' attrici liema oggetti kellhom jigu konsenjata sa data specifikata bejn il-partijiet;**

2. **Illi s-socjeta' attrici kienet inadempjenti stante li naqset teffettwa l-konsenja sad-data pattwita;**

3. **Illi in vista ta' l-istess il-konvenut iddisdetta l-vinkolu kontrattwali de quo;**

4. **Illi nonostante dan, is-socjeta' attrici effettwat l l-konsenja li ghalhekk mhux biss kienet tardiva izda wkoll disdetta;**

5. **Illi l-konvenut, wara diversi tentattivi kien irritorna l-materjal lilhu ikkonsenjat lill-istess socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta' attrici naqset li tipprova l-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**